BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **06/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **30 ta' Novembru 2012**

**Ġunju 2012**

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR37.6 miljun, jew 0.4%, f'Ġunju, biex laħqet EUR10.0 biljuni (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali mmoderat għal 5.6% minn 6.2% f'Mejju, minħabba li l-M3 kiber b'ammont akbar f'dawn l-istess xahrejn fl-2011.

Iż-żieda xahar fuq xahar fil-kontribuzzjoni ta' Malta għall-M3 taż-żona tal-euro seħħet minħabba tkabbir sinifikanti fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'EUR63.2 miljun, jew 0.6%. Dan patta kompletament għat-tnaqqis fit-titoli negozjabbli, li naqsu b'EUR25.7 miljun, jew 10.9%, li rrifletta tnaqqis fl-ammont tal-ishma maħruġa mill-fondi tas-suq monetarju f'Malta.

It-tkabbir fl-aggregat intermedju, M2, kien dovut l-aktar għall-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber b'EUR35.9 miljun, jew 0.6%, minħabba depożiti *overnight*. Dawn tal-aħħar żdiedu b'EUR37.6 miljun, jew 0.7%, minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, kien hemm tnaqqis żgħir fil-flus maħruġa. Sadattant, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 aċċellerat għal 12.3% f'Ġunju minn 11.4% f'Mejju.

Matul ix-xahar ta' Ġunju, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, kibru b'EUR18.9 miljun, jew 0.5%. Din iż-żieda kienet dovuta kompletament għal influss sinifikanti ta' fondi minn residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari individwi u kumpaniji mhux finanzjarji, li għeleb tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn residenti Maltin. Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, żdiedu wkoll, l-aktar minħabba żieda fid-depożiti tal-kumpaniji. Fuq bażi sena fuq sena, il-komponent monetarju intermedju kiber b'5.7%, li hu inqas mir-rata ta' 6.1% f'Mejju.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro naqas b'EUR133.2 miljun, jew 0.8%. Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi EUR88.4 miljun, jew 2.1%, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammont ta' titoli tal-gvern miżmuma mill-banek maħruġa minn pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Il-kreditu lil setturi oħra wkoll naqas matul dan ix-xahar, b'EUR44.8 miljun. Dan it-tnaqqis seħħ l-aktar minħabba volum inqas ta' self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji residenti barra minn Malta, flimkien ma' tnaqqis fl-ammont miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn kumpaniji residenti

f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu naqset għal 5.9%, minn 7.0% xahar qabel.

B'kuntrast għal dan, il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR525.4 miljun, jew 5.1%, f'Ġunju. Dan seħħ minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro flimkien ma' tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejhom. Iż-żieda fl-obbligazzjonijet seħħet minħabba żieda fl-ammont ta' self mogħti lill-banek barra ż-żona tal-euro. Sadattant, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet seħħ minħabba tnaqqis fis-self mill-banek residenti mingħand banek barra ż-żona tal-euro.

Il-'kontropartijiet l-oħra' tal-M3 kibru bi EUR354.7 miljun, jew 2.2%, f'Ġunju minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-IFM b'perjodu ta' maturità itwal u żieda fl-obbligazzjonijiet tagħhom lill-gvern ċentrali. Filwaqt li ż-żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji kienet dovuta għal żieda fl-ishma tal-IFM, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali rriflettiet żieda fil-bilanċi ta' depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali wara l-ħarġa ta' stokks tal-Gvern ta' Malta li kien hemm matul ix-xahar. L-obbligazzjonijiet oħra (netti), li primarjament jirriflettu transazzjonijiet bejn il-bank ma' residenti oħra fiż-żona tal-euro, naqsu moderatament matul ix-xahar.

**Żviluppi fid-depożiti u fis-self ta' residenti Maltin**

Id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin naqsu b'EUR39.7 miljun, jew 0.5%, f'Ġunju (ara Tabella 2). Tnaqqis fid-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas seħħ flimkien ma' żieda iżgħar fid-depożiti *overnight* u fid-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas. Dawn l-iżviluppi jindikaw ċaqliq fil-preferenza għal assi monetarji aktar likwidi, għalkemm il-ħarġa ta' stokks tal-Gvern ta' Malta setgħet ukoll ħajret lil investituri għal assi bi qligħ iktar għoli barra l-M3. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali naqset għal 6.2% minn 6.8% f'Mejju.

Id-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas naqsu b'EUR79.5 miljun, jew 2.1%, f'Ġunju. Dan irrifletta tnaqqis fl-ammont miżmum mill-biċċa l-kbira tas-setturi tal-ekonomija, partikolarment kumpaniji privati mhux finanzjarji u kumpaniji tal-assikurazzjoni. B'kuntrast għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas żdiedu b'EUR6.6 miljuni, jew 4.8%, l-aktar minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Barra minn hekk, id-depożiti *overnight* kibru bi EUR33.1 miljun, jew 0.7%, hekk kif żieda fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek għelbet tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn individwi.

Il-kreditu maħruġ minn IFM residenti lil residenti ta' Malta kiber b'EUR35.4 miljun, jew 0.3%, f'Ġunju u dan jirrifletti żieda fil-kreditu kemm lill-gvern kif ukoll lil residenti oħra. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu telgħet għal 5.9%, minn 5.8% f'Mejju.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali kiber bi EUR17.3 miljun, jew 0.7%, hekk kif il-banek żiedu l-portafolji tagħhom ta' stokks tal-Gvern ta' Malta. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern irrankat għal 10.6% minn 9.4% f'Mejju.

Bl-istess mod, il-kreditu lil residenti Maltin barra l-gvern ġenerali żdied bi EUR18.2 miljun, jew 0.2%, parti minħabba volum ogħla ta' self mogħti lill-individwi – l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar – u lill-kumpaniji privati mhux finanzjarji, partikolarment fis-settur tal-informazzjoni u komunikazzjoni, u f'dak tal-manifattura. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti oħra naqset minn 4.8% f'Mejju għal 4.7%.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu bi EUR355.6 miljun, jew 3.1%, f'Ġunju (ara Tabella 2).[1] L-obbligazzjonijiet barranin waqgħu b'mod konsiderevoli minħabba tnaqqis fil-valur tas-self barrani meħud minn banek residenti. Dan għeleb tnaqqis iżgħar fl-assi barranin li seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammont miżmum ta' titoli maħruġa mill-barranin. L-assi barranin netti kibru b'6.8% fuq is-sena ta' qabel, 'il fuq minn 3.6% f'Mejju.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]**

F'Ġunju, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u mill-kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta baqgħet l-istess, jiġifieri 1.41%, meta mqabbla max-xahar ta' qabel. Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u lill-kumpaniji mhux finanzjarji residenti niżlet b'punt bażi għal 4.35%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti żdiedet bi tliet punti bażi filwaqt li dik mitluba fuq is-self naqset b'ħames punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] Id-dejta dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri id-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Għalhekk, din l-istatistika ma tkoprix is-setturi kollha tal-ekonomija.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Ġun-12 | Mej-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ġun-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,778.4** | **5,742.5** | **35.9** | **0.6** | **5,146.4** | **632.0** | **12.3** |
| Flus maħruġa(4) | 717.4 | 719.1 | -1.7 | -0.2 | 681.1 | 36.3 | 5.3 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,061.1 | 5,023.5 | 37.6 | 0.7 | 4,465.3 | 595.7 | 13.3 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,804.4** | **9,741.2** | **63.2** | **0.6** | **9,278.3** | **526.1** | **5.7** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,778.4 | 5,742.5 | 35.9 | 0.6 | 5,146.4 | 632.0 | 12.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 146.3 | 137.9 | 8.5 | 6.1 | 130.0 | 16.3 | 12.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,879.6 | 3,860.8 | 18.9 | 0.5 | 4,001.9 | -122.3 | -3.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,014.0** | **9,976.4** | **37.6** | **0.4** | **9,484.9** | **529.1** | **5.6** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,804.4 | 9,741.2 | 63.2 | 0.6 | 9,278.3 | 526.1 | 5.7 |
| Titoli negozjabbli(6) | 209.6 | 235.3 | -25.7 | -10.9 | 206.6 | 3.0 | 1.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,604.6** | **15,737.8** | **-133.2** | **-0.8** | **14,734.6** | **870.0** | **5.9** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,177.0 | 4,265.3 | -88.4 | -2.1 | 4,232.7 | -55.7 | -1.3 |
| Self lil setturi oħra | 11,427.6 | 11,472.4 | -44.8 | -0.4 | 10,501.9 | 925.7 | 8.8 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,819.2** | **10,293.8** | **525.4** | **5.1** | **8,824.4** | **1,994.9** | **22.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 33,711.7 | 33,606.9 | 104.8 | 0.3 | 29,555.2 | 4,156.5 | 14.1 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,892.4 | 23,313.1 | -420.6 | -1.8 | 20,730.9 | 2,161.6 | 10.4 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **16,409.8** | **16,055.2** | **354.7** | **2.2** | **14,074.1** | **2,335.8** | **16.6** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 791.2 | 606.8 | 184.4 | 30.4 | 750.3 | 40.8 | 5.4 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,162.4 | 11,950.5 | 211.9 | 1.8 | 11,489.7 | 672.7 | 5.9 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,456.3 | 3,497.9 | -41.6 | -1.2 | 1,834.0 | 1,622.3 | 88.5 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Ġun-12 | Mej-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ġun-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,661.9** | **8,701.6** | **-39.7** | **-0.5** | **8,152.8** | **509.0** | **6.2** |
| Depożiti *overnight* | 4,885.0 | 4,851.9 | 33.1 | 0.7 | 4,346.9 | 538.2 | 12.4 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 144.2 | 137.6 | 6.6 | 4.8 | 128.5 | 15.7 | 12.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,632.6 | 3,712.1 | -79.5 | -2.1 | 3,677.4 | -44.8 | -1.2 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,097.3** | **11,061.9** | **35.4** | **0.3** | **10,477.3** | **620.1** | **5.9** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,450.4 | 2,433.1 | 17.3 | 0.7 | 2,215.2 | 235.3 | 10.6 |
| Self lil setturi oħra | 8,646.9 | 8,628.7 | 18.2 | 0.2 | 8,262.1 | 384.8 | 4.7 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,755.7** | **11,400.1** | **355.6** | **3.1** | **11,010.9** | **744.8** | **6.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 43,483.4 | 43,587.8 | -104.4 | -0.2 | 41,179.0 | 2,304.4 | 5.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 31,727.7 | 32,187.7 | -460.0 | -1.4 | 30,168.1 | 1,559.6 | 5.2 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.